MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2006

Numru 630/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND J BORG**

**VS**

**PHILIP AGIUS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Philip Agius, ta' 22 sena, bin Alfred u Monica nee' Grech, imwieled tal-Pieta' nhar it-23 ta' Ottubru, 1983 u joqghod fil-fond Block B2, Flat 6, Triq Nerik Sant Zebbug, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 562483 (M);

a) Akkuzat talli nhar l-14 ta' April, 2006 bejn il-5.00pm, u l-10.00pm, fi Triq l-Isqof Caruana, Zebbug, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura tal-ghamla *Hyundai Getz* bin-numru tar-registrazzjoni SAB 156, liema

hsara tiskorri l-hamsin lira maltin (Lm50.00), izda anqas minn hames mitt lira maltin (Lm500.00), ghad-dannu tas-sid Silvana Borg, (skond l-Artikolu 325 (1b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) U aktar talli fl-istess lok, hin, u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ *stereo* tal-ghamla *Pioneer* minn vettura tal-ghamla *Hyundai Getz* bin-numru tar-registrazzjoni SAB 156 ghad-detriment ta’ Silvana Borg, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa, (skond l-Artikolu 263a, 270, 271g tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

c) U aktar talli fl-istess lok, hin, u cirkostanzi, ikkometta serq ta’ *stereo* tal-ghamla *Pioneer* minn vettura tal-ghamla *Hyundai Getz* bin-numru tar-registrazzjoni CBN 128 ghad-detriment ta’ Emanuel Axiaq, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta ta-haga misruqa (skond l-Artikoli 263a, 270, 271g tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

d) U fl-ahharnett talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehdua b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom (skond l-Artikolu 334a tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f’dan l-istadju ta’ dawn il-proceduri wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikolu 325 (1b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikoli 263a, 270, u 271g tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 334a tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imemmi mputat Philip Agius hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal sena (1) prigunerija, sospiza ghal tlitt (3) snin, *ai termini* tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

*Inoltre* tordna lill-istess imputat ihallas is-somma ta’ mitejn u disghin lira maltin (Lm290.00) bhala danni sofferti mill-*parte civile* ndikata fl-akkuza, u cioe’ Silvana Agius, *ai termini* tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------